# Gwida Prattika għall-Kitba tal-Malti.

*Edward Fenech*

**Synopsis:**

Maltese orthography presents a hard nut to students and teachers of Maltese alike. The perusal of a normal grammar of Maltese presents the teacher of Maltese who is not specialized in the subject with a number of difficulties. In practice, these can be overcome or at least put aside as irrelevant at a primary level. Such a guide can be found in the booklet *L-Ortografija Moderna* by Edward Fenech O.S.A., Malta, 1983. Here, a group of 82 rules governing the most common Maltese mistakes are discussed and presented in a threefold manner. In Section I, enumerated practical rules governing such mistakes are given: most of the rules are built on pattern-form, others follow some form of association of ideas, while others are simply presented in their correct form quite often in conjunction with other homophones; in Section II, exercises are given on one or more closely related rules in the same order of presentation as in Section I; in Section III, finally, an alphabetic list of 250 words or particles mentioned in the discusssion of the rules in Section I is given for easy reference; every word or particle presented here is followed by the number of the rule under which it is discussed in Section I for easy reference. The booklet contains also an analytical index of all the practical rules in Section I, and a general index.

## Introduzzjoni

Hu fatt li hemm ħafna għalliema jgħallmu l-Malti mingħajr ma huma speċjalizzati fih. Dan jiġri kemm fl-iskejjel primarji, u kemm fl-iskejjel sekondarji. Waħda mill-kawżi ta' din is-sitwazzjoni hi s-sistema tal-'framentation' adottata fl-iskejjel sekondarji. Fil-każ ta' l-iskejjel primarji hi 'policy' komuni fl-Ewropa li l-istess għalliem igħallem is-suġġetti kollha lit-tfal tal-klassi tiegħu. Għalhekk jidher li taħt forma jew oħra ser jibqa' jeżisti fis-sistema edukattiva tagħna l-għalliem mhux speċjalizzat fil-Malti.

Hi sfortuna mhux żgħira li l-għalliem tal-Malti li mhux speċjalizzat fis-suġġett se tiġi f'idejh kemm-il grammatika tal-Malti li jkun fiha mhux biss difetti żgħar, imma wkoll tagħlim għal kollox ħażin. Hekk, fil-ktieb *A Grammar of the Maltese Language* ta' E.F. Sutcliffe (Malta, 1950), il-verbi li jisiċċaw bl-*għ* huma meqjusa bħala dgħajfin. Hekk ukoll, fit-*Tagħlim Fuq il-Kitba Maltija,* it-Tieni Ktieb, id-Disa' Edizzjoni, Malta, 1968, pp. 8.12, insibu diskussjoni dwar 'l-aċċent maħtuf ħafif, l-aċċent maħtuf sħiħ u l-aċċent imkarkar'. Fil-fatt, dawn l-hekk imsejħa 'aċċenti' mhumiex ħaġ'oħra jekk mhux l-aċċent ewlieni. L- għażla bejn 'maħtuf ħafif' u 'maħtuf sħiħ' hi ortografika u mhux fonetika, u għalhekk hi bla bażi. Dak li hu msejjaħ 'aċċent imkarkar' ma hux ħaġ'oħra jekk mhux aċċent ewlieni li jaqa' f'sillaba li fiha vokali twila ('imkarkra'). Ħwejjeġ żbaljati bħal dawn qegħdin ikunu mgħallma minn min ma hux għalliem speċjalizzat għax isibhom fis-sillabu, u hu ma jkunx jista' jagħżel bejn it-tajjeb u l-ħażin.

-EWWEL TAQSIMA

*Regoli Prattiċi*

1. Fuq il-mudell N I Ż L A
   ikteb GHO L J A
   meta jkollok nom, femminil, singular.

   **Nota:** Biex tħaffef il-kitba ta' ħafna kliem bil-Malti għandek tinqeda bil-mudelli kemm jista' jkun. Dan isir billi tieħu kelma ħafifa, bla **għ** u bla **h**, li jkollha l-istess binja tal-kelma t-tqila, tniżżilha fuq biċċa karta ittra ittra bi ftit spazju bejniethom, u taħt kull konsonanti tal-mudell tniżżel il-konsonanti li tkun tmiss fil-kelma t-tqila, u taħt kull vokali tniżżel il-vokali tal-kelma li tkun trid tikteb sewwa. Dan jidher f'ħafna mir-regoli mogħtija hawnhekk.

2. Fuq il-mudelli H A L I, H A L J A
   ikteb GHA L I, GHA L J A
   meta bl-Ingliż tgħid *costly, expensive*; *sorrow, grief*;
   u GHO L I, GHO L J A
   meta bl-Ingliż tgħid *high, costly, expensive.*

3. Fuq il-mudelli O H L A, L - O H L A
   ikteb O GHL A, L - O GHL A
   meta jkun aġġettiv fil-komparattiv bla artiklu jew bl-artiklu.

4. Fuq il-mudell H E L A
   ikteb GHO L A
   meta jkun verb fil-passat, ġens maskil, għadd singular.

5. Fuq il-mudell J A H L I
   ikteb J O GHL A
   meta jkun verb fil-preżent, ġens maskil, għadd singular.

6. Fuq il-mudell A H L I
   ikteb O GHL A
   meta jkun verb fl-imperattiv, għadd singular.

7. Fuq il-mudelli N I Ż E L, N I Ż L E T
   ikteb T E L A ', T E L GHE T
   meta jkun verb fil-passat, fit-tielet persuna, ġens maskil jew femminil, għadd singular.

16

5 7

## L-Ortografija Moderna

L-għalliem tal-Malti li ma jkunx speċjalizzat fis-suġġett jista' jsib ta' għajnuna l-ktejjeb tiegħi *L-Ortografija Moderna,* Malta, 1983, pp. 40. Hu għandu jsibu faċli biex jinqeda bih fit-tagħlim għaliex jagħti biss regoli prattiċi, bla ebda kliem tekniku. Hu qasir u intenzjonalment jagħti 82 regola, għalkemm dawn iħaddnu 250 kelma jew partiċella li tippreżenta diffikultà. Minbarra r-regoli bl-eżempji, fih taqsima għat-taħriġ fuq vokabolarju li jitħaddem regolarment fil-ħajja ta' kuljum. Fih taqsima apposta li turi fl-ordni ta' l-alfabet il-250 kelma jew partiċella l-iktar komuni fost dawk li joħolqu diffikultà fil-kitba tal-Malti. Jekk l-għalliem ikun irid ifittex ir-regoli taħt irjus tekniċi jew semi-tekniċi, għandu werrej analitiku apposta bir-riferenzi kollha meħtieġa. Dan il-werrej ikun utli l-iktar għal min ikun qed jinqed b'xi grammatika Maltija fejn ikun hemm termini grammatikali u jkun irid iqabbel ma' dak li jingħad fir-regoli prattiċi ta' dan il-ktejjeb.

### L-Ewwel Taqsima: Regoli Prattiċi

Ħafna mir-regoli prattiċi jittrattaw il-problema ta' l-*għ* jew ta' l-*h* u l-pożizzjoni ta' dawn fil-kelma. Biex l-għalliem iħaffef għalih u għall-istudenti l-kitba ta' kliem bħal dan ma hemmx triq oħra eħfef minn dik li joffru l-mudelli ta' kliem simili, imma li ma jkunx fih u la *għ* u la *h*. Il-mudell jaħdem b'mod li fejn ikun hemm konsonanti fil-kelma l-faċli tinkiteb taħtha konsonanti (dejjem dik li jkun imiss skond l-ordni tal-konsonanti ta' l-għerq), u fejn ikun hemm vokali tinkiteb vokali taħtha skond is-sekwenza vokalika tat-tieni kelma Hekk:

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| fuq il-mudell | N | I | Ż | L | A |
| ikteb | GĦ | O | L | J | A |

meta jkollok nom farrad, femminil, singular.

Il-mudell ġie li ninqdew bih meta jkun hemm l-omofoni jew kliem b'ħoss wieħed u tifsira differenti. Hekk:

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| fuq il mudell | N | IE | Ż | E | L |
| ikteb | T | IE | L | A | ' |

fil-waqt li

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| fuq il-mudell | N | IE | Ż | L | A |
| ikteb | T | IE | L | GĦ | A |

Dan juri li *tiela'* fil-maskil singular tinkiteb bl-*għ* f'tarf il-kelma, fil-waqt li *tielgħa* fil-femminil singular tinkiteb bl-*għ* qabel l-aħħar vokali tas-sekwenza vokalika ie-a. Fil-ħoss iż-żewġ kelmiet huma l-istess, imma fit-tifsira u fl-ortografija huma differenti.

Imbagħad hemm eżempji ta' kif tikteb bil-Malti li jkunu preżentati fil-forma t-tajba tagħhom bla ebda mudell. Hekk, għandek tikteb *ħdax-il dar* u *kemm-il darba* bla ma ssir riferenza li s-sillaba *il* oriġinarjament kienet *ar* tal-kelma *għaxar (ħdax* = aħad għaxar) fl-ewwel każ u li fit-tieni każ (kemm-il) is-sillaba *il* daħlet bħala analoġija. Dan kien jitlob sforz kbir mill-istudent u l-għalliem, u għalhekk kienet semplifikata.

Bħalma ġara, per eżempju, fir-regoli 20 u 21, ġie li sar użu mill-assoċjazzjoni ta' l-ideat biex toħroġ iktar ċara fil-prattika d-differenza ortografika. Hekk il-kliem MIN u WHO bl-Ingliż huma tlieta bi tlieta, fil-waqt li MINN u FROM bl-Ingliż huma erbgħa b'erbgħa. L-idea ta' 'draw' bejn Malti-Ingliż tgħin biex l-istudent jibqa' jiftakar l-ortografija tal-Malti.

### It-Tieni Taqsima: Taħriġ fil-Kitba Maltija

F'din it-taqsima kien evitat li jingħata Malti miktub ħażin biex ikun imsewwi mill-istudenti. Taħriġ bħal dan jagħmel iktar dannu milli ġid billi l-istudenti iktar jibqgħu jiftakru l-kelma l-ħażina li tkun mibnija fuq il-widna milli l-kelma t-tajba li tkun mibnija skond il-ħtieġa ortografika u morfoloġika. Minflok, kien imħaddem l-Ingliż fi 15-il taħriġ minn 40 wieħed. B'hekk, l-istudent jara l-kelma bl-Ingliż u jaqlibha bil-Malti bla ma jkollu ndħil ortografiku.

IT-TIENI TAQSIMA

***Taħriġ fil-Kitba Maltija***

1. **Taħriġ dwar Regoli 1-6.**

Aqleb għall-Malti:

a) The pilot flew higher than the highest hill.
b) He jumps higher than you.
ċ) Malta's highest hill cannot be called a mountain.
d) This tree will grow up higher than the one next to it.
e) That encyclopaedia is too expensive.

2. **Taħriġ dwar Regoli 7-10.**

Ikteb il-partiċipju preżent flok il-verb passat (Eż: daħal = dieħel).

a) Ħabibi tela' fuq il-bejt u oħtu niżlet.
b) Min tela' u min niżel.
ċ) Qoffa telgħet u oħra niżlet.
d) Ġanni tela' fuq iż-żiemel.

3. **Taħriġ dwar Regola 11.**

Qiegħed il-kliem flok in-numri:

a) Għadni kemm xtrajt 11 ktieb.
b) Ħija ra 17 raġel għaddej jiġri lejn il-knisja.
ċ) L-iskola kienu daħlu 18 tifel biss.
d) 5 minnhom kont nafhom sewwa, 4 ftit li xejn, u d-9 l-oħra qatt ma kont rajthom.

4. **Taħriġ dwar Regola 12.**

Aqleb għall-Malti:

a) Every time you meet me say hello.
b) How many times did you read this book?
ċ) I read this book several times.
d) How many boys have you seen hurrying to school?

5. **Taħriġ dwar Regola 13.**

Imla l-vojt b'waħda mill-prepożizzjonijiet: lil, għal, bħal, minn.

a) Dan il-ktieb ...... ħija.
b) Agħti din l-ittra ...... Ġanni.
ċ) Din il-laringa ...... missierek.
d) Dan niktbu ...... min iħobb il-Malti.

Kull taħriġ kien limitat għal regola waħda jew għal regoli marbutin ma' xulxin b'tema. Qabel kull taħriġ hemm nota li tgħid dwar liema regola jew regoli jkun qed isir it-taħriġ. B'hekk l-istudent ikun jista' jirrevedi dik jew dawk ir-regoli qabel ma jaħdmu u jkun iktar ċert mir-riżultat tajjeb.

Din it-taqsima tgħin lill-għalliem tal-Malti mhux speċjalizzat fis-suġġett billi tagħtih l-opportunità li jagħti taħriġ limitat għal ftit regoli kull darba li jagħti l-Homework. Bir-ripetizzjoni ta' l-istess kliem, ikunu mirbuħa aħjar id-diffikultajiet ortografiċi.

## Konklużjoni

Il-grammatika tradizzjonali tal-Malti tippreżenta ħafna diffikultajiet lill-għalliem tal-Malti li ma jkunx speċjalizzat fis-suġġett. L-aħjar soluzzjoni għalih hi t-triq tar-regoli prattiċi. Hekk, jekk wieħed irid igħallem il-konsonanti likwidi, m'għandux isibha bi kbira li jinqeda bl-isem tal-likwidu "Lemonora" ħalli jgħin il-memorja ta' l-istudenti dwar il-konsonanti individwali *l, m, n, r*. L-aqwa hu li l-istudenti jitgħallmu bla ħela ta' enerġija żejda.

IT-TIELET TAQSIMA

*Sensiela ta' Kliem Tqil*





SENSIELA ALFABETIKA

**Nota:** In-numri li jidhru wara l-kliem f'din is-sensiela alfabetika ta' kliem tqil huma riferenzi għar-regoli mogħtija fl-Ewwel Taqsima: "Regoli Prattiċi".

A

Aħjar, komp. ta' tajjeb. 74
Agħar, komp. ta' ħażin. 74
Alġerin, aġ. m.; n. m. 35
Amerikan, aġ. m.; n. m. 35
April, n. m. 35
Arġentin, aġ. m.; n. m. 35
Awissu, n. m. 35
Awstraljan, aġ. m.; n. m. 35

B

Bagħad, jobgħod, v. 46
Bagħat, jibgħat, v. 46, 69
Baqa', jibqa', v. 30
Bħal, prep. 13
Bħal-, prep. art 15
Bħall-, prep. art. 14
Bi, prep. 66
Biż-żejjed, fr. prep. 34
Biżżejjed, av. 34

Ċ

Ċiniż, aġ. m.; n. m. 35
Ċiprijott, aġ. m.; n. m. 35

D

Dahar, n. m. 75
Dar, idur, v. 75
Dar, n. f.; pl. djar. 35, 75
Ddemoralizzat. part. 61
Ddisturba, jiddisturba, v. 61
Deha, jedha, v. 49
Deher, jidher, v. 78
Diċembru, n. m. 35
Disa', aġ. num. 41
Disat, aġ. num. 41
Disgħa, n.; pl. disgħat. 40
Dmugħ, n. m. 23
Dqiq, n. m. 32
Dsatax, aġ.; n. 11

E

Eġizzjan, aġ. m.; n. m. 35
Egħluq, n. m. 36
Erba', aġ. num. 41
Erbat, aġ. num. 42
Erbatax, aġ.; n. 11
Erbgħa, n. 40
Erbgħa, L-, n. 35

F

Far, n. m.; pl. firien. 74
Far, ifur, v. 74
Fehem, jifhem, v. 78
Fi, prep. 66
Fih, prep. bil-pron. meh. 32
Filgħaxija, av. 38
Filgħodu, av. 38
Franċiż, aġ. m.; n. m. 35
Frar, n. m. 35

G

Grieg, aġ. m.; n. m. 35